MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 217/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kristine Urzi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kristine Urzi talli b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar-it 12 ta' Frar 2011, nhar-is 26 ta' Frar 2011, nhar-il 5 ta' Marzu 2011 u nhar-it 12 ta' Marzu 2011, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta b'kuntratt biex taghti access lil Roderick Gatt ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(11), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Kristine Urzi hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha ghal xahar prigunerija, liema perijodu m'ghandux jibda jsehh jekk ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mid-data tas-sentenza appellata, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Kristine Urzi pprezentat fl-10 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitha hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-piena nflitta hi differenti minn dik preskritta mil-ligi u ghalhekk is-sentenza appellata hi nulla in vista ta' dak dispost fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali; (2) li kien hemm ragunijiet xierqa ghan-nuqqas ta' access; (3) li kien hemm konflitt ta' provi li ghandu jmur favur l-appellanti.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju jinghad mill-ewwel li l-appellant m'ghandux ragun. Apparti li fi stadju ta' appell il-piena tista' tinbidel, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li l-piena ta' prigunerija moghtija mhijiex wahda skond il-ligi. Huwa minnu li r-reat in kwistjoni huwa reat kontravvenzjonali u li l-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet skond l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali huma dawk tad-detenzjoni, l-*ammenda* u c-canfira jew twiddiba. Izda l-appellanti giet akkuzata b'reat kontinwat. Skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali l-piena tista' ghalhekk tizdied bi grad jew tnejn. Issa skond l-artikolu 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali **"t-tlugh mill-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet isir ghall-piena tal-multa jew ta' <u>prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet</u>**

**xhur"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**7.** Fil-mertu l-appellanti tghid illi t-tifel minuri qieghed jghaddi minn trawma kbira biex imur wahdu jara lil missieru. Tghid li nonostante li Roderick Gatt ha biss l-inizjattiva biex jibda jara lil ibnu hames snin wara t-twelid tieghu, hija xorta ttentat tipprova tohloq relazzjoni bejn Gatt u ibnu billi, fil-kumpanija taghha, kienet tlaqqa' lit-tifel ma' Roderick Gatt. Gara li dan Gatt talab lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jibda jgawdi access ghal ibnu u sussegwentement beda jesigi li jgawdi l-access wahdu minghajr il-prezenza ta' l-omm. L-appellanti ssostni li ppruvat kemm-il darba tibghat lil binha wahdu ma' Roderick Gatt, izda t-tifel kien qieghed jirrezisti bis-sahha, jagita ruhu u jibki biki indeskrivibbli u jirrifjuta li jithalla wahdu ma' Gatt. L-appellanti taghmel ampja referenza ghar-rapport tal-psikologa Carmen Sammut u x-xiehda taghha quddiem l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-appellanti tinsisti illi qatt ma cahdet l-access lil Roderick Gatt u inoltre dak li qalet il-psikologa jikkostitwixxi raguni xierqa.

**8.** Din il-Qorti semghet fit-tul ix-xiehda ta' Roderick Gatt u ta' l-appellanti. Jirrizulta illi dawn it-tnejn min-nies kellhom relazzjoni li minnha twieled tifel. Jidher li ghall-ewwel l-appellanti kienet qalet lil Gatt li t-tifel ma kienx tieghu izda wara xi zmien fittxitu ghall-manteniment u sar test tad-DNA li minnu rrizulta li t-tifel kien tieghu. Minn zmien ghal zmien inqalghu problemi dwar l-access. Izda b'digriet tat-2 ta' Marzu 2011 tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) gie determinat illi l-access ta' Roderick Gatt ghat-tifel kellu jigi prattikat kull nhar ta' Sibt bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m. Effettivament kien diga` nghata digriet fid-29 ta' Lulju 2008 fejn inghad li l-access kellu jsir "nhar-is Sibt bejn l-10.00 a.m. u s-1.00 p.m." li apparentement kien gie sospiz izda riattivat b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2010. Ghalhekk huwa car li d-digriet tad-29 ta' Lulju 2008 ried ifisser "kull" nhar ta' Sibt. Fi kwalunkwe kaz il-pozizzjoni giet iccarata bid-digriet imsemmi tat-2 ta' Marzu 2011.

**9.** Roderick Gatt isostni illi fil-granet imsemmijin fic-citazzjoni l-appellanti ma gabitx lit-tifel ghall-access. Da

parti taghha l-appellanti tghid illi hi kienet tiehdu ghall-access izda t-tifel kien jaghmlilha xenati kbar ghax ma kienx irid jithalla wahdu ma' Gatt. Ammettiet pero` li ma zammitx rendikont tad-dati. Mill-affidavit ta' P.S. 1314 Raymond Ambrogio ma jirrizultax illi l-appellanti qaltlu li kienet tiehdu izda li qaltlu li kull darba li jasal il-hin ghall-access kien jinfexx jibki u xi drabi kien ma jiflahx izda baqghet ma pprezentat l-ebda certifikat mediku. Imbaghad ma jistax ma jigix osservat illi fl-ewwel zewg dati msemmija fic-citazzjoni, cioe` it-12 ta' Frar 2011 u s-26 ta' Frar 2011, kien ghadu ma nghatax id-digriet tat-2 ta' Marzu 2011 li jidher li kien necessitat mill-fatt illi l-appellanti ma kinitx qed tinterpreta l-ewwel digriet fis-sens ta' "kull" nhar ta' Sibt. Jigifieri l-ewwel Qorti, anke fid-dawl tal-gurisprudenza li tirrigwarda x'tikkostitwixxi "raguni xierqa", setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellanti kienet hatja ta' l-imputazzjoni dedotta.

**10.** Ma jistax ma jigix rimarkat, pero`, li hawn ghandna sitwazzjoni partikolarissima fejn Roderick Gatt qatt ma kien prezenti fir-residenza tal-minuri waqt li dan kien qieghed jitrabba u l-aktar li dahal fil-hajja tal-minuri kien meta kellu kwazi hames snin. Ghalhekk din il-Qorti tifhem ir-riluttanza tal-minuri illi jittiehed wahdu minn Gatt, nonostante illi kien gie spjegat lilu li dan kien missieru. Fil-fatt jidher illi l-minuri ma kellu qatt *a father figure* d-dar. Jigifieri din il-Qorti li, kif inghad, semghet lil Roderick Gatt u lill-appellanti fit-tul, ikollha taqbel mar-rakkomandazzjoni li saret mill-psikologa Carmen Sammut li *"the 'overwhelming accelerated process' of introducing and building a relationship with the father to be revised and slowed down considerably, to take into consideration the child's needs of security and safety"*. Wara kollox jirrizulta li kien diga` sar ftit progress billi Roderick Gatt kien jitbieghed mal-minuri minn hdejn l-appellanti ghal xi kwarta. Is-sitwazzjoni prezenti fejn Roderick Gatt, minhabba xi *placements* li ghandu nhar ta' Sibt, mhux biss ma jhalluhx jiltaqa' mal-minuri izda waslu ghal sitwazzjoni fejn la rnexxielu jiftiehem biex jiltaqa' mieghu f'gurnata u/jew hinijiet alternattivi u lanqas dehrlu li kellu jaghmel rikors appozitu biex jigi assigurat access f'gurnata u/jew

hinijiet alternattivi, zgur mhuwiex konduciv ghall-bini ta' relazzjoni ma' ibnu.

**11.** Ghalhekk, filwaqt illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-htija, fid-dawl tac-cirkostanzi spjegati fil-paragrafu precedenti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**12.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal xahar prigunerija sospiza ghal sentejn u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------